# Tagħrif fuq Irħula, Knejjes, Statwi u Kwadri Titulari Ddedikati lil Sta. Marija



miġbur minn Nazzareno Agius, ex-President

## Ħ'Attard

Knisja parrokkjali Santa Marija Assunta.

Inbniet fl-1613 minn tumas Dingli, żdied il-kampnar fl-1718. Saret parroċċa fl-1575. Ir-raħal ta' Ħ'Attard inqata' mill-parroċċa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara.

L-istatwa ta' Santa Marija nħadmet Pariġi fl-1874. Hija magħmula mit-terrakotta. l-pedestall disinn ta' Karm Debono, ħadmuh Anton Pisani, Ġanni Mallia u Ġużeppi Zarb, indurata għand Coleiro (Vall) fl-1925.

Il-kwadru titulari preżenti juri 'l Santa Marija, xogħol tal-pittur Baskal Buhagiar li sar fl-1725.

## Dingli

Ħal Tartani li llum m'għadux jeżisti kien parroċċa fis-sena 1436. Fl-1539 il-parroċċa ta' Ħal Tartani ġiet fix-xejn. Fl-1615 ftit 'il bogħod mir-raħal ta' Ħal Tartani kien inbena r-raħal ta' Ħad-Dingli. Fl-1665 Ħad-Dingli ma baqax parroċċa, imma fl-1678 reġa' sar parroċċa. Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1903 flok il-knisja li kien hemm, dejjem iddedikata lil Marija mtellgħa fis-sema.

Il-vara ta' Santa Marija nħadmet minn Anton Busuttil fl-injam fl-1861. Fl-1934 kellha anġlu u tneħħa u minfloku saru tnejn minn Wistin Camilleri. Ġiet indurata minn Lorenzo Gatt tal-Birgu. Fl-1977 reġgħet ġiet indurata minn Horace Farrugia b'żieda ta' warda tad-deheb fuq is-sandla fl-1979. Il-qabar inħadem minn Manwel Buhagiar.

Il-kwadru titulari preżenti huwa xogħol tal-pittur magħruf Taljan Vingilio Monti li pinġieh f'Ruma fl-1910. Kien sewa erbgħin lira u tqiegħed f'postu fil-11 ta' Awwissu 1910.

## Għaxaq

Knisja parrokkjali Santa Marija Assunta. Ir-raħal inqagħta mill-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun fit-22 ta' April 1626. L-ewwel knisja nbniet għall-ħabta ta' l-1511. Inbniet oħra fl-1655 u t-tielet waħda dik li hemm illum inbniet bejn l-1733 u l-1756. L-ewwel kappillan kien Dun Mattew Scriha.

L-istatwa ta' Santa Marija ġiet maħduma fl-injam minn Mariano Gerada fl-1808. Ħallas għaliha minn flusu Gio Marija Farrugia. Dak iż-żmien swiet 800 skud.

Ingħatat formalment mill-werrieta tagħha fl-1812 wara digriet li sar fil-Kurja bejn il-kappillan u l-werrieta. Il-kwadru titulari juri lill-Assunta u sar minn Francesco Zahra fl-1745. Il-kwadru ħallas għalih Dun Ġwann Zammit. Il-Madonna mtellgħa tiġi nkurunata mis-Santissima Trinità.

## Gudja

Bir Miftuħ kien waħda mill-għaxar parroċċi li kien hawn f'pajjiżna fl-1436. Ir-raħal ta' Bir Miftuħ m'għandux jeżisti, iżda baqa' biss il-knisja li llum tagħmel parti mill-parroċċa tal-Gudja. Il-knisja parrokkjali tal-Gudja li hemm illum inbniet fis-sena 1656 u hija ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija.

L-istatwa ta' Santa Marija nħadmet fl-injam minn Vincenzo Dimech fl-1807. Din kienet l-ewwel statwa ta' Santa Marija li ħallas għaliha Dun Masu Zammit mill-Gudja. Sar xi tibdil fil-vara minn Antonio Sciortino. Ġiet irrestawrata fl-1987.

Fil-kwadru titulari naraw l-Assunzjoni ta' Marija fis-Sema, impittra fi stil mhux tradizzjonali. M'hix b'idejha miftuħin, imma bil-pali ta' l-idejn fuq xulxin. Il-kwadru huwa opra ta' Pietro Gagliardi (1809-1890). Sar f'Ruma fl-1880. Dak iż-żmien ħafna Maltin tefgħu għajnejhom fuq pitturi barranin ta' ħila.

## Mġarr

Knisja parrokkjali Santa Marija.

In-nies ta' l-Imġarr kienu ilhom jixtiequ li l-knisja ż-żgħira ta' Santa Marija ssir parroċċa. Ix-xewqa tagħhom seħħet fl-1898. L-Imġarrin minnu fih bdew jaħsbu għall-bini tal-knisja ġdida li tlestiet fl-1948.

L-istatwa ta' Santa Marija nħadmet f'Marsilja

Franza fil-kartapesta fl-1922. Ħdax-il bidwi kkontribwew għaliha u għat-trasport tagħha min Franza. Ġabru Lm91, l-istellarju ngħata mill-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zammit. Wara l-gwerra żebgħuha u ndurawha.

Il-kwadru titulari juri lill-Madonna tiddomina fl-għoli bl-anġli f'lewn bajdani ċar. L-appostli u mara jagħtu l-impressjoni li qed jaraha tiela' s-sema, waqt li l-qabar fejn kienet indifnet jidher ifewwaħ bil-fjuri ġo fih.

Din hi opra ta' Lazzaru Pisani (1854-1932) li huwa wieħed mill-aqwa pitturi tas-seklu għoxrin. Il-kwadru tpitter fl-1920.

## Mosta

Knisja parrokkjali Marija Assunta.

Il-Mosta saret parroċċa fl-1608. L-ewwel knisja parrokkjali nbniet fuq il-pjanta ta' Tommaso Dingli. Din il-knisja twaqqgħet biex tinbena l-knisja li hemm illum fuq id-disinn tal-Perit Ġorġ Grognet de Vasse. Ir-Rotunda bdiet tinbena fl-1833 u tlestiet fl-1860.

L-istatwa ta' Santa Marija nħadmet fl-injam fl-1868 minn Salvu Dimech u rranġatha totalment minn Vincent Apap fl-1948. Apap biddel l-anġli oriġinali u għamel mudell ieħor li ħadem fuqu Buhagiar. Ir-ras intrefgħet, il-mantar qsar, l-isħaba ċkienet u żdied il-wiċċ ta' puttin. Fl-1948 tqegħdilha stellarju ġdid tad-deheb mogħti mill-poplu Mosti. Fl-1 ta' Novembru 1984 ħaduha għand Manwel Darmanin għall-induratura.

Il-kwadru titulari sar għall-knisja l-qadima fl-1678, b'legat li kien ħalla l-qassis Mosti Dun Ġakbu Chetcuti. Dan il-kwadru huwa xogħol mill-isbaħ ta' Baskal Buhagiar. Kien ġie rrestawrat mill-pittur Ġużeppi Hyzler fl-1827. Meta l-Mostin lestew ir-Rotunda, dehrilhom li l-kwadru ta' Buhagiar kellu jerġa' jieħu postu bħala l-kwadru titulari fil-knisja l-ġdida u għalhekk il-kwadru kellu jitkabbar. Għal dan ix-xogħol tqabbad il-pittur Salvatore Barbara li għamel iż-żjieda u rrestawrar li kienu meħtieġa fl-1860. Fl-10 ta' Awwissu 1975 ix-xbiha ta' l-Assunta f'dan il-kwadru ġiet solennement inkurunata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Fih naraw il-Madonna tiela' s-sema mdawra bl-anġli, filwaqt li fil-parti t'isfel jidhru l-appostli madwar il-qabar vojt.

## Mqabba

Knisja parrokkjali Santa Marija Assunta.

L-Imqabba saret parroċċa fl-1598. Sakemm inbniet il-knisja ta' Santa Marija li hemm illum, il-knisja ta' San Bażilju kienet isservi bħala knisja parrokkjali. Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1699. Fl-aħħar gwerra ġarrbet ħafna ħsara u x-xogħol ta' tiswija baqa' sejjer sal-1947. Il-knisja ġiet ikkonsagrata fl-20 ta' Mejju 1774.

L-istatwa ta' Santa Marija nħadmet fl-injam fl-1836 minn Xandru Farrugia (Lutun). Swiet 300 skud. Għandha pedestall tal-fidda għamla ta' qabar maħdum Milan fuq id-disinn ta' Abram Gatt.

Il-kwadru titulari juri lill-Madonna qed tintrefa' lejn is-sema mill-anġli. Jidhru żewġ anġli kbar u tmienja oħra żgħar. Din hi opra tat-Tabib Sqalli Filippo Venute. Tlestiet fl-1896. Venute ma kienx pittur kbir, imma din hija l-aħjar biċċa xogħol tiegħu. Ħallas għall-kwadru Dun Salv Schembri.

## Qrendi

Knisja parrokkjali Santa Marija Assunta. Il-Qrendi ilu parroċċa mis-sena 1618. Qabel kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq. Il-knisja li hemm illum inbniet bejn l-1688 u l-1713. Il-knisja ġiet ikkonsagrata fit-13 ta' Ottubru 1782.

L-istatwa ta' Santa Marija nħadmet fl-injam minn Antonio Chircop (Senglea) fl-1840. Kien sarilha xi tibdil minn Francesco Sciortino. Indurawha fl-1945 għand Coleiro (Vall) u l-isħab sarilha tal-fidda.

Il-kwadru titulari jiddomina l-figura kbira ta' Marija tiela' s-sema mdawra bl-anġli, bl-appostli, fil-qrib mixħutin għarkubbtejhom iħarsu lejha b'qima. Il-kwadru hu opra ta' Ġużè Calì. Sar fl-1917. Il-kwadru qam Lm40. Dan il-kwadru kien ikkummissjonat għall-Imqabba, iżda n-nies rawh għoli, għalhekk biegħu lil tal-Qrendi. Ħallas għalih Franġisk Bugeja.

## Katidral Victorja, Għawdex

Knisja Katidrali Santa Marija Assunta.

Il-knisja ta' Santa Marija fiċ-Cittadella ġo knisja matriċi fl-1436. Flok din il-knisja antika fl-1697 bdiet tinbena l-knisja li hemm illum. Fl-1560 saret knisja arċipretali u fl-1621 saret l-ewwel knisja kolleġjata f'Għawdex. Meta Għawdex sar djoċesi għalih fis-16 ta' Settembru 1864 il-knisja saret katidral tad-djoċesi. Il-knisja ġiet ikkonsagrata fil-11 ta' Ottubru 1716.

L-istatwa ta' Santa Marija nħadmet fil-kartapesta – kompożizzjoni mid-Ditta Francesco Rosa Ruma, Italja fl-1897. Din l-istatwa saret għall-Banda Il Leone li kienet tiegħu ħsieb il-festi esterni. Fid-29

ta' April 1956 il-każin Leone rregalaha lill-Kapitlu tal-Katidral fejn telgħet proċessjoni u tbierket. Fl-1962 sar pedestall tal-fidda f'Ruma, disinn ta' Samwel Bugeja. Sewa mas-Lm6000. Il-vara ta' Santa Marija ħarġet ukoll fl-14 ta' Awwissu 1942 meta fi żmien il-gwerra kien daħal il-konvoj ta' Santa Marija fil-port.

Il-kwadru titulari li jirrappreżenta t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, huwa xogħol ta' l-artist Mikiel Busuttil u sar fl-1791. Kien ħallas għalih il-Penitenzier ta' l-istess katidral il-Kanonku Dottor Benedetto Stellini. Dan huwa wieħed mill-aħjar xogħlijiet ta' Busuttil. Flimkien ma l-Appostli l-pittur daħħal lil San Pawl ukoll. Dan għamlu biex juri r-rabta li għandu San Pawl magħna. Ġie rrestawrat mill-pittur Rafel Bonnici Calì fl-1974 u nkurunat fil-15 ta' Awwissu 1975 mill-Kardinal Francesco Seper f'Misraħ Savina.

## Iż-Żebbuġ, Għawdex

Iż-Żebbuġ sar parroċċa fl-1688 u sentejn wara beda l-bini tal-knisja li hemm illum dedikata lit-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema mill-Isqof Alpheran. Il-knisja saret arċipretali fl-1963 u ġiet ikkonsagrata fit-30 ta' Novembru 1736.

L-istatwa ta' San Marija nħadmet f'Marsilja Franza minn kartapesta – kompożizzjoni fl-1863. Saret mill-ġbir tal-parruċċani. Il-proċessjoni bl-istatwa ħarġet l-ewwel dabra fl-1863 u ġiet mogħtija salut mill-kaċċaturi li baqgħu jagħmlu hekk għal bosta snin.

Il-kwadru titulari ta' Marija Assunta juri l-inkoronazzjoni tal-Madonna mit-Trinità Qaddisa. Dan tpitter fi żmien l-ewwel Kappillan Dun Franġisk Vella (1689-1744). Ma nafux min hu l-pittur tiegħu. Dan il-kwadru ġie nkurunat solennement mill-Isqof Nikol Cauchi fit-18 ta' Awwissu 1980. Il-poplu taż-Żebbuġ ikkonkorra bi ħġaru biex isiru l-kuruna tad-deheb għal fuq ras il-Madonna u l-istellarju. Kien fi żmien l-Arċipriet Dun Alwiġ Vella.


**Referenzi:**

*Kwadri Titulari*, (P.E.G.) Ltd.

*Statwi Titulari*, Guido Lanfranco



Duke's Confectionery

**33, St. Mary Street, Għaxaq.**

**Tel: 2180 0050, 7905 9427, 7902 3023**

*Wide selection of wines & spirits, pastries, sweets, pasta ...etc.*

We accept orders for all occasions.


